FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' LULJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Elliott Magro

vs

Sandro Dimech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 0108978M akkuzat talli nhar it-23 ta' Mejju 2015, ghall habta tas-18.40 hrs u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali:

1. minghajr il-hsieb li joptol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Robert Vella, u dan skond ma ccertifika Dr Moses Camilleri MD (Reg No 2242) mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 218 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kien qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li jista' jinkiser il-bon ordni u dan bi ksur ta' Regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja 10.33;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gab ruhu b'mod abbuzziv u dan bi ksur ta' Regolament 7 tal-Ligi Sussidjarja 10.33;
5. talli qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti oxxeni, jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338bb tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba minbarra li tinfliggi l-piena stabbilta' skond il-Ligi, tordna illi l-imsemmi imputat ma jattendix fi grounds ta' sports, ghall dak il-perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 214, 215, 218, 221 (1)(c), 338(ee)(bb), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 6 u 7 tal-Ligi Sussidjarja 10.33.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal disgha xhur mill-lum. Tordnalu ukoll sospensjoni milli jmur fi grawnd tal-futball ghal zmien disgha xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat